# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2014, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-MTA ma tagħmilx differenza min jieħu ħsieb il-proġett u li jemmnu li għandna nieħdu deċiżjoni flimkien mal-Kunsill taż-Żurrieq [ref punt 3.1]. Is-Sindku qal illi għandu jiltaqa mas-Sindku ta' Żurrieq dalwaqt. Żied ukoll illi l-project leader ma sabx oġġeżjoni għal proposta biex ic-CCTV's isiru fil-konfini tagħna, jew taż-Żurrieq, jew taż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku qal ukoll illi ż-Żurrieq ħadu 4 proġetti tal-MTA fil-passat u l-istess Kunsill ma baqax jagħti każ tagħhom. Il-kunsilliera qablu li ma nistgħux nħalluhom jagħmlu l-istess bil-proġett tal-Ħlantun peress illi din taqa fil-konfini tagħna wkoll.

Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-liġi tippermetti li ż-żewġ lokalitajiet jieħdu passi kontra individwi li jagħmlu atti ta' vandaliżmu fl-area [kien qed jirreferi għal punt illi c-CCTV's isiru fiż-żewġ

lokalitajiet]. Is-Sindku qal illi l-Kunsilli jkollhom permess jieħdu azzjoni individwalment, kif ukoll bħala għaqda.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk kienx is-sur Oliver Farrugia, project leader, illi ġie bl-ideja biex is-Sindki jiltaqgħu. Is-Sindku rrisponda li kien suġġeriment tas-sur Farrugia.

Is-Sindku għalaq id-diskors fuq is-suġġett billi qal illi se jiltaqa mas-Sindku taż-Żurrieq u li x-xogħol għandu jitlesta f'Ottubru nskond kif qalet l-M.T.A.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tenders għall-istreet sweeping u Bulky Refuse [ref punt 3.2] huma miftuħin għal pubbliku u li entitajiet interessati għandhom sal-10 ta' Lulju 2014 biex jitfgħu kwotazzjoni.

3.3 Is-Sindku qal illi minħabba l-KNPD, ma rċevejna l-ebda update pożittiv rigward l-ATM [ref punt 3.3]. Żied illi qegħdin jipproponu li l-livell tal-ATM tkun baxxa għal kumdita ta' persuni ġo wheelchairs.

3.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi 21 ruħ marru Għawdex u rċieva kummenti sbieħ fuq il-ġurnata li għamlu flimkien [ref punt 3.4]

3.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi bħala Kunsill iħoss illi għandna nikkundannaw l-att ta' vandaliżmu fejn inqalgħu erba' siġriet [minn 6] li twaħlu t-tfal tal-iskola ftit ta' żmien ilu [ref punt 3.8]. Il-kunsillier ikkundanna l-azzjoni unaninament u s-Sindku qal illi se jipprova jara min kien responsabbli għal dan.

3.6 Il-Viċi Sindku qal illi ġurnata qabel il-laqgħa fakkar lil videographer biex jibgħat id-DVD tar-re-enactment għall-approvazzjoni tal-Kunsill [ref punt 3.9]

3.7 Il-Kunsill se jistenna mit-tobba tar-raħal biex jirrispondu għar-rikwest tal-Kunsill biex isir 'reserved parking' barra l-kliniks tagħhom [ref punt 3.10].

3.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax jikkompeti mal-kumpetitur tal-iskola Sajf [ref punt. 3.11] illi f'dan il-każ huwa l-Gvern. Għalhekk qal illi għandna nikkejterjaw għall-etajiet ta' taħt 6 snin [year 1 u year 2]. Qal illi s'issa hemm 14 u 16 it-tifel u tifla li wrew interess fl-iniżjattiva.

3.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi s-serata mużiko-letterarja kienet waħda ta' suċċess [ref punt 6]. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa kemm il-darba ġew l-Għaqda Poeżiji fil-konfini ta' Ħal Safi. Il-Viċi Sindku rrisponda li qalulu li din kienet it-tielet darba li għamlu serata hawnhekk.

3.10 Is-Sindku qal illi l-bozoz issa suppost jaħdmu [ref punt 7.3].

3.11 Is-Sindku qal illi bagħat il-korrespondenza lil pulizija [ref punt 7.4]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi reġa rċieva ittra simili izda b'kliem differenti fejn hu qed jiġi akkużat u fejn intqal illi hu kompliċi jekk ma jieħu l-ebda azzjoni. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi forsi huwa possibli li naraw mal-Maltapost minn fejn intbagħtet l-ittra, avolja l-kunsilliera nnotaw id-diffikultajiet li se jsibu biex il-persuna jinstab. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi min qed jikteb dawn l-ittri qed jagħti tort lil Kunsill. Żied illi l-Kunsill ma jistax jieħu azzjoni fuq każ bħal dan. Is-Sindku qal illi issa nħallu l-każ f'idejn il-pulizija u qal illi huma wkoll kienu rċevew l-ittra.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-21 ta' Ġunju hemm il-laqgħa għall-kunsilliera [li mhumiex Sindki] fid-Dolmen Hotel. Talab lill-kunsilliera biex jibagħtu risposta jekk jixtieq━ jattendu.

4.2 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2014 fejn id-Dipartiment talab l-ismijiet tal-kunsilliera [mhux Sindki] illi ma jagħmlux użu tal-indirizz elettroniku tal-gvern biex dawn jitneħħew. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil, Publius Abdilla u Carlo Stivala kollha qalu illi tagħhom jistgħu jitneħħew.

4.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa lis-Sindku jekk mar għal laqgħa rigward l-imigrazzjoni li kien hemm f'Birżebuggia. Is-Sindku kkonferma li mar u qal illi fid-diskors tiegħu qal illi m'għandniex il-problemi ta' lokalitajiet oħrajn peress illi l-immigranti li qegħdin hawn huma magħluqin, iżda illi l-biża tibqa illi minħabba f'hekk jirreveljaw u b'hekk inħolqu problemi fil-konfini tagħna.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu fuq il-Payment Approval Sheet u aċċettaw illi jsiru l-pagamenti.

**6. Ħwejjeġ Oħra**

6.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ jixtiequ jorganizzaw turnament tal-futbol fejn it-tema se tkun fuq ir-refuġjati. Huma talbu għal għajnuna finanżjarja [madwar €150]. Il-Kunsill qabel fuq ix-xiri tal-affarijiet bżonjużi għall-attivita, izda mhux illi nagħtu l-flus f'idejhom [il-Kunsill ma jistx jagħti donazjoni]. Dan isir biss bil-permess tad-DLG. Is-Sindku qal illi ma jafx jekk huma se jużaw il-grawnd tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Johan Mula ssuġerixxa li jużaw il-grawnd tagħna.

6.2 Il-kunsillier Carlo Stivala reġa fakkar fuq il-ħġieġa mkissra fil-bus stop tal-Misraħ San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat lil TM f'Diċembru, kif ukoll f'Marzu.

6.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm ftit tfal li mhumiex fin-Nursery li jixtiequ jilagħbu fil-grawnd tan-Nursery u talbu għal permess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dejjem inħalu t-tfal jilagħbu fil-ħin tal-ftuħ tal-uffiċju.

6.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi s-sezzjonijiet tal-istory telling se jsiru kull nhar t'Erbgħa fis-6.15pm mid-9 ta' Lulju għal 8 ġimgħat.

6.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm ħafna ħaxix fuq il-bankini. Is-Sindku qal illi qed jieħu ħsieb dan. Il-Viċi Sindku żied illi hemm ilment fuq ħaxix ħażin f'triq in-Nassaba u li għandna nistaqsu lil kennies biex jaqta l-ħaxix meta jgħaddi minn hemm.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sal-ġurnata tal-laqgħa, l-irħas kwotazzjoni li rċieva għal-fuljett kien mingħand il-Union Print.

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- ta'Ġunju 2014 fil- pm.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |